Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0241

Grupp Permanenti ta’ Esperti dwar il-Foresti u l-Forestrija

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-21 ta' Ottubru 2025 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE li tistabbilixxi Kumitat Forestrarju Permanenti (COM(2023)0727 – C9-0424/2023 – 2023/0410(COD))[1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ma jagħmel l-ebda referenza għal politika komuni tal-Unjoni dwar il-foresti, u skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, ir-responsabbiltà għall-foresti taqa’ fuq l-Istati Membri. Madankollu, it-TFUE jikkonferixxi fuq l-Unjoni kompetenzi kondiviżi, b’mod partikolari fil-qasam tal-ambjent, li jistgħu jinkludu inizjattivi li jaffettwaw il-foresti u l-forestrija.

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 60(4), ir-raba’ subparagrafu (A10-0175/2025).

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-kontribut ***usa'*** tal-foresti għall-objettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[4] , ***inkluż*** għall-klima, għall-bijodiversità ***u għall-bijoekonomija sostenibbli*** jeħtieġ struttura ta' governanza tal-foresti tal-Unjoni ***aktar inklużiva u*** kkoordinata ***aħjar*** li tirrifletti ***l-objettivi kollha*** tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2021 bit-titolu "Strateġija Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030"[5] u l-interkonnessjonijiet tagħhom.	(2) Il-kontribut tal-foresti għall-objettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[4], ***b'mod partikolari*** għall-klima, għall-bijodiversità ***kif ukoll għall-bijoekonomija*** jeħtieġ struttura ta' governanza tal-foresti tal-Unjoni kkoordinata li tirrifletti***, inter alia, l-objettivi*** tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2021 bit-titolu "Strateġija Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030"[5] u l-interkonnessjonijiet tagħhom***, filwaqt li jiġi żgurat li dawk l-għanijiet il-ġodda jkollhom bażi legali ċara, ma jkunux f'kunflitt mal-kompetenzi nazzjonali u jkunu appoġġati minn valutazzjoni komprensiva tal-impatt tagħhom fuq is-settur tal-forestrija***.
[4] COM(2019)***640 final***.	[4] COM(2019)***0640***.
[5] COM(2021)***527 final***.	[5] COM(2021)***0527***.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Sa mit-twaqqif tiegħu, il-Kumitat Forestrarju Permanenti evolva f'korp ċentrali għall-iskambju ta'

informazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni dwar l-aspetti kollha relatati mal-foresti, il-ġestjoni tal-foresti u l-oqsma ta' politika kollha relatati mal-foresti. Il-Kumitat Forestrarju Permanenti preċedentement kien ingħata wkoll kompiti ta' komitoloġija, iżda, minn dak iż-żmien 'l hawn, l-att bażiku li jagħti dawk il-kompiti ta' komitoloġija lill-Kumitat Forestrarju Permanenti skada. Il-Kumitat Forestrarju Permanenti għalhekk jenħtieġ li jingħata l-isem ġdid Grupp Permanenti ta' Esperti dwar il-Foresti u l-Forestrija (il-"grupp ta' esperti").

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***L-aktar mod effettiv biex tinkiseb struttura ta' governanza tal-foresti tal-Unjoni aktar inklużiva u kkoordinata aħjar huwa li jitwessa' l-ambitu u li jiġu ċċarati l-kompiti u l-kompożizzjoni tal-Kumitat Forestrarju Permanenti. Il-Kumitat Forestrarju Permanenti jenħtieġ li jingħata l-isem ġdid ukoll bħala l-Grupp Permanenti ta' Esperti dwar il-Foresti u l-Forestrija, sabiex jirrifletti dawk l-emendi.*** Fuq talba tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru, jenħtieġ li ***dan*** jindirizza kwalunkwe kwistjoni jew aspett rigward il-foresti u l-forestrija li	(4) Fuq talba tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru, jenħtieġ li ***l-grupp ta' esperti*** jindirizza kwalunkwe kwistjoni jew aspett rigward il-foresti u l-forestrija li jirriżultaw minn diversi politiki tal-Unjoni. Għalhekk ***huwa xieraq li r-rappreżentanti*** li ***jipparteċipaw ikunu jistgħu jirrappreżentaw l-interessi tal-Istati Membri dwar l-objettivi*** ta' politika ***rilevanti kollha***.

jirriżultaw minn diversi politiki tal-Unjoni. Għalhekk ***jixraq li jiġi żgurat*** li ***l-Istati Membri jinnominaw rappreżentanti mill-awtoritajiet li huma kompetenti għall-objettivi speċifiċi*** ta' politika.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni ***msaħħa*** u ***sabiex jiġi organizzat kambju multidixxiplinari*** bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar il-foresti u dwar is-settur tal-forestrija fir-rigward tal-oqsma ta' politika kollha tal-Unjoni rilevanti għall-foresti, qiegħed jiġi stabbilit Grupp ta' Esperti Permanenti dwar il-Foresti u l-Forestrija***, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-grupp*** ta' esperti"***;***	Sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni ***mill-qrib*** u ***effettiva*** bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar il-foresti u dwar is-settur tal-forestrija fir-rigward tal-oqsma ta' politika kollha tal-Unjoni rilevanti għall-foresti, qiegħed jiġi stabbilit Grupp ta' Esperti permanenti dwar il-Foresti u l-Forestrija ***(il-"grupp*** ta' esperti"***).***

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta l-grupp ta' esperti*** fuq kwalunkwe kwistjoni jew aspett rigward il-foresti u l-forestrija li jirriżultaw mid-diversi politiki tal-Unjoni kemm fuq	1. ***Il-grupp ta' esperti għandu jagħti pariri lill-Kummissjoni*** fuq kwalunkwe kwistjoni jew aspett rigward il-foresti u l-forestrija li jirriżultaw mid-diversi politiki tal-Unjoni

inizjattiva tagħha stess kif ukoll fuq talba tar-rappreżentant ta' kull Stat Membru.	***rilevanti*** kemm fuq inizjattiva tagħha stess kif ukoll fuq talba tar-rappreżentant ta' kull Stat Membru.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) li jassisti ***lill-Kummissjoni*** fit-tħejjija ta' proposti leġiżlattivi, linji gwida jew inizjattivi ta' politika oħrajn tal-Unjoni rilevanti għall-foresti u l-forestrija, ***inkluż fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 u Strateġiji sussegwenti tal-Unjoni għall-Foresti***;	(a) li jassisti ***u jikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni u jipprovdilha għarfien espert u jikkontribwixxi*** fit-tħejjija ***u l-implimentazzjoni*** ta' proposti leġiżlattivi, ***strateġiji, komunikazzjonijiet,*** linji gwida jew inizjattivi ta' politika oħrajn tal-Unjoni rilevanti għall-foresti u l-forestrija, ***jew li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-foresti jew il-forestrija fl-Unjoni***;

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) li jipprovdi lill-Kummissjoni b'pariri u b'għarfien espert, jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba ta' Stat Membru, bil-għan li jiġi ***appoġġjat il-kontribut usa' tal-foresti u tal-forestrija*** għall-objettivi u l-inizjattivi ***ewlenin*** tal-Unjoni, ***bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew,*** u ***l-promozzjoni tal-koerenza u s-sinerġiji*** bejn il-politiki tal-	(b) li jipprovdi lill-Kummissjoni b'pariri u b'għarfien espert, jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew ***tal-grupp ta' esperti, jew*** fuq talba ta' Stat Membru, bil-għan li jiġi ***żgurat kontribut adegwat tas-settur tal-forestrija tal-Istati Membri*** għall-objettivi u l-inizjattivi tal-Unjoni, ***jiġu promossi l-koerenza*** u ***s-sinerġiji kif ukoll***

Unjoni ***rilevanti għall-foresti*** u ***l-forestrija***;	***jiġu eliminati l-inkonsistenzi eżistenti*** bejn il-politiki tal-Unjoni***, u jiġi indirizzat l-impatt kumulattiv tagħhom*** u ***l-kompatibbiltà tagħhom mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità minquxa fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea***;

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li ***jippromwovi l-kooperazzjoni*** bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar il-foresti u l-forestrija, inkluż b'appoġġ ta' miżuri u interventi taħt il-politika agrikola komuni;	(c) li ***jsaħħaħ u jagħti spinta lill-kooperazzjoni*** bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar il-foresti u l-forestrija, inkluż b'appoġġ ta' miżuri u interventi taħt il-politika agrikola komuni***, b'mod partikolari biex jitqiesu l-aspetti tas-sostenibbiltà u jinħolqu sinerġiji bejn il-foresti u l-agrikoltura, kif ukoll biex jissaħħaħ l-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żoni rurali ddominati mill-foresti***;

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jrawwem l-iskambju ta' għarfien, esperjenza u prattiki tajbin fil-qasam tal-foresti u l-forestrija***.**	(d) li jrawwem l-iskambju ta' għarfien, esperjenza u prattiki tajbin***, kif ukoll li jaġixxi bħala forum għall-iskambju ta' fehmiet dwar kwistjonijiet u***

inizjattivi emerġenti fil-qasam tal-foresti u l-forestrija***, u dwar il-funzjonijiet multipli tal-foresti, inklużi kwistjonijiet rilevanti għas-settur usa' bbażat fuq il-foresti, kif ukoll irawwem l-iskambju ta' fehmiet dwar l-applikabbiltà u l-implikazzjonijiet tal-politiki tal-Unjoni rilevanti għall-foresti u l-forestrija;***

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) li jfittex sinerġiji u jikkoopera dwarhom u jevita l-kunflitti bejn il-politiki nazzjonali u dawk tal-Unjoni relatati mal-foresti u l-forestrija, u li jqis ukoll żviluppi internazzjonali oħra;

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) li jifformula opinjonijiet dwar proposti leġiżlattivi, strateġiji, komunikazzjonijiet, linji gwida jew inizjattivi ta' politika oħra tal-Unjoni rilevanti għall-foresti u l-forestrija, jew li jkollhom impatt sinifikanti fuq il-foresti jew il-forestrija fl-Unjoni; il-

	Kummissjoni għandha tqis dawk l-opinjonijiet meta timbotta objettivi ta' politika relatati mal-foresti, u għandha tipprovdi feedback dwar kif qieset dawk l-opinjonijiet.

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jaġixxu fuq proposta mill-Kummissjoni, jistgħu jassenjaw kompiti oħrajn lill-grupp ta' esperti b'rabta mal-politiki tal-Unjoni li jaffettwaw il-foresti u l-forestrija.	3. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jaġixxu fuq proposta mill-Kummissjoni, jistgħu jassenjaw kompiti ***temporanji*** oħrajn lill-grupp ta' esperti b'rabta mal-politiki tal-Unjoni li jaffettwaw il-foresti u l-forestrija.

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-grupp ta' esperti għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri.	Il-grupp ta' esperti għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri. ***Kull Stat Membru għandu jiġi mistieden u għandu jiġi mħeġġeġ bil-qawwa biex jaħtar esperti nazzjonali u jiffaċilita l-parteċipazzjoni tagħhom fil-laqgħat tal-grupp ta' esperti.***

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jinnominaw ir-rappreżentanti tagħhom, filwaqt li jiżguraw ***il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet li huma kompetenti għall-objettivi ta' politika differenti tal-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030,*** li ***jinkludu, fost l-oħrajn, il-klima, is-saħħa tal-foresti, l-ambjent, il-forestrija, l-iżvilupp rurali u l-bijoekonomija u kwalunkwe strateġija sussegwenti tal-Unjoni għall-foresti***.	L-Istati Membri għandhom jinnominaw ir-rappreżentanti tagħhom, filwaqt li jiżguraw ***l-involviment attiv tal-awtoritajiet rilevanti tagħhom u*** li ***r-rappreżentanti li jipparteċipaw ikunu jistgħu jirrappreżentaw l-interessi u l-esperjenzi tal-Istat Membru rispettiv tagħhom dwar l-objettivi ta' politika rilevanti kollha***.

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-grupp ta' esperti għandu jiġi ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.	Il-grupp ta' esperti għandu jiġi ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. ***Il-president tal-grupp ta' esperti jista' jippreżenta l-pjan ta' ħidma annwali tiegħu lill-Parlament Ewropew.***